IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

6 ta' Ġunju 2017
45/2017

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-IMMAKULATA OMM IL-KNISJA, L-IBRAĠ

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Blake Camilleri bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Immakulata Omm il-Knisja, l-Ibraġ.

Dun Blake Camilleri twieled fit-8 ta' Mejju 1984. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola ta' Stella Maris f'Ħal Balzan u l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju Minuri tal-Arċisqof, Tal-Virtù, ir-Rabat. Kompla bl-edukazzjoni terzjarja fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta, fejn studja wkoll it-Teoloġija Pastorali.

Dun Blake ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Ġunju 2010. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala djaknu u mbagħad bħala viċi arċipriet fil-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, il-Mosta. Dun Blake għamel sentejn jistudja fl-Accademia Pontificia Ecclesiastica f'Ruma. Għal dawn l-aħħar seba' xhur kien qed iservi bħala viċi arċipriet fil-Parroċċa ta' San Filep, f'Ħaż-Żebbuġ.

Il-Parroċċa tal-Immakulata Omm il-Knisja, l-Ibraġ, tiġbor fiha madwar 9,000 persuna fi 3,000 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**